**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Derek Lee D'Amato**

**Kumpilazzjoni Numru: 131/08**

**Illum, 8 ta' Ottubru, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Derek Lee D'Amato detentur tal-karta tal-identita` numru 518380M akkuzat talli bejn Settembru 2005 u Dicembru 2007 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi

foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn elfejn tliet mija u disgha o ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tas-socjeta' PC Zone, ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' tas-socjeta' PC Zone, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel, jahbi jew juri haga b'ohra dwar xi reat, holoq jew uza xi fattura jew xi dokument jew *record* ta' kontabilita' iehor li kien fih informazzjoni falza jew mhux kompleta jew ommetta b'mod mhux legittimu milli rregistra xi hlas, ai terminu ta' l-artikoli 121B u 121D tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru elfejn u ghaxra (2010) fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi:

- Fl-Artikoli 308, 309, 310(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 293, 294, 310(1)(a) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 121B, 121D u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-ezenzjoni tad-difiza li din il-Qorti kif komposta terga' tisma x-xhieda kollha li kienu nstemghu minn din il-Qorti diversament komposta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza stante li l-prosekuzzjoni qaghdet fuq il-provi migjuba;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat frodi mill-imputat meta huwa kien direttur tal-kumpannija PC Zone Limited mis-sena elfejn u hamsa (2005) u dan flimkien ma' Marvin Sammut

Fil-fatt il-Qorti semghet ix-xhieda tal-istess **Marvin Sammut** fejn huwa spjega li l-imputat kien direttur mieghu tal-kumpannija PC Zone Limited fejn din topera hanut fil-Hamrun u tbigh oggetti tal-informatika waqt li kumpanija ohra Complete I S Services Limited ghandha bhala negozju l-importazzjoni u d-distribuzzjoni tal-informatika. F'din il-kumpannija l-imputat m'huwiex direttur.

Ix-xhud jispjega illi huwa kien ghamel rapport fuq mizaproprazzjoni kontra l-imputat ghaliex il-hanut tal-Hamrun, li kien jiggestih l-imputat u li kien jiehu salarju fuqu, ma kienx sarulu *accounts* fis-sena elfejn u sebgha (2007) izda biss tal-elfejn u sitta (2006). Ix-xhud jghid ukoll illi l-imputat kien kellmu fis-sena elfejn u sitta (2006) li ma kienx irid ikompli jiggestixxi l-hanut ghaliex kellu xi problemi l-Qorti u ghalhekk baqa' jiggestih certu Christian Camilleri.

Semghet ukoll lill-ufficjal prosekutur l-**Ispettur Maurice Curmi** fejn dan spjega l-ilment li kien ghamillu Marvin Sammut f'Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007). Qallu li l-kumpanija Complete IS

kienet tixtri l-istokk tal-hanut fil-Hamrun li kien jiggestixxi l-imputat u li kien propjeta' tal-kumpanija PC Zone li taghha kienu diretturi l-imputat u l-parte civile. Jidher li skont Sammut l-imputat kien qed jaqa' fil-pagamenti lill-kumpanija Complete IS. L-imputat u l-parte civile ddecidew illi jaghlqu l-kumpanija PC Zone peress li l-imputat kellu xi problemi mal-gustizzja izda wara gie maghruf illi kien hemm diskrepanza ta' madwar ghoxrin elf Liri Maltin (Lm20,000) kif ukoll il-gbid arbitrarju min-naha tal-imputat meta kienu qeghdin jillikwidaw il-kumpanija ta' tliet elef u hames mitt Liri Maltin (Lm3,500).

L-Ispettur jghid illi l-imputat minn dejjem cahad din id-diskrepanza u ghalhekk kellhom johorgu l-akkuzi.

Il-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti mill-prosekuzzjoni kif ukoll l-istqarrija tal-imputat li saret fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sebgha (2007) u ohra fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u li nghataw minghajr id-dritt li jikkonsulta avukat fejn pero' huwa minn dejjem innega tali

allegazzjonijiet u jghid ukoll illi l-parte civile qatt ma kien ta' spjegazzjoni ta' x'hiex kien qed jallega;

Rat ukoll il-verbal ta' din il-Qorti diversament komposta datat wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar elfejn u tnax (2012) fejn id-difiza talbet li l-istqarrijiet, u kwalunkwe dikjarazzjonijiet li saru a bazi ta' dawn l-istqarrijiet jigu skartati minhabba dan in-nuqqas;

Xehed ukoll **Leslie Briffa** li kien ghal xi zmien jahdem bhala *handyman* fil-hanut tal-Hamrun u li kien ikun prezenti wkoll f'xi *stock takes* fl-istess hanut. Dan jghid illi l-involviment tieghu kien illi kien jghodd il-varji oggetti li kienu jinsabu fil-hanut u kien inizzel dan in-numru fuq karta u din il-karta kien jghaddiha lill-imputat u lil Marvin Sammut li kienu jkunu t-tnejn prezenti ghall-*istock taking*. Dawn l-*istock takes* ma kinux isiru darba, dan sar fuq perjodu ta' xi hmistax (15)-il gurnata u dan qabel ma giet likwidata l-kumpanija. Huwa jghid ukoll illi kien ikun hemm prezenti xi daqqiet Giselle Beny.

Ix-xhud jikkonferma wkoll illi kien hu li kien jghaddi l-flus jew/u cekkijiet mill-imputat lil Marvin Sammut u dan perjodikament. Dawn ma kinux ikunu ssigillati.

Xehdet ukoll **Gisele Bennie** li hija awditura u li l-involviment taghha kien meta l-imputat u Sammut iddecidew li jillikwidaw il-kumpanija, allura hija kellha tohrog rendikont finanzjarju tas-socjeta' u dan sabiex il-kumpanija tigi *up to date* mal-awtoritajiet. Hija tghid illi harget *accounts* mis-sena ta' meta giet inkorporata l-kumpanija u cioe' s-sena elfejn u hamsa (2005) sa Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u dan a bazi anke ta' dokumenti li kien itiha l-imputat u dokumenti ohra. Hija tispjega wkoll is-sitema li biha hadmet u cioe' illi *"l-ewwel gbart il-VAT receipts kollha fizikament wiehed wiehed u ghaddejthom u I checked them biex inkun naf it-totali. Imbaghad kkuntattjajt third parties biex nistaqsihom jaghtuni transaction history minghandhom biex jien niccekkja li l-informazzjoni li ghandi hija kompleta. Irrizulta li fuq certu okkazzjonijiet, specifikatament Compunet Ltd, irrizulta li kien sar bejgh lil Compunet Ltd li dan qatt ma kien dikjarat fl-informazzjoni li nghata lili u allura f'dak il-punt jiena ddecidejt li naghmel iktar investigazzjonijiet. Wara*

*dan jien qbadt u staqsejt lil Mr Derek Lee Damato jaghtini kopja tas-sales li tohrog mis-sistema li kien izomm hu. Dan qalli li dan mhux possibbli. Jiena peress li hu kien ibiegh dan l-istess software emmintu. However imbaghad jiena sirt naf l-owner ta' dan is-software u staqsejtu jekk din hiex xi haga possibbli ghax din hija xi haga basic fl-accounts u l-owner tas-software Mr Norbert Camilleri qalli iva din hija possibbli. Jiena imbaghad mort ghand Derek Lee Damato u ghidtlu li din hija possibbli u baqa' jinsisti li ma jistax jikkonduci din il-lista. Imbaghad ghidtlu jiena jekk joghgbok aghtini kopja tas-software halli nehodha ghand specjalist tas-software biex ikun jista he extracts this information. Meta kienet il-gurnata li kellu jaghtihieli qalli li kien hadem il-weekend shih u rnexxielu jipproduci din il-lista. Meta ezaminajt din il-lista jiena skoprejt li kien hemm xi bejn wiehed u iehor 7000 including gross tas-sales li l-informazzjoni ma kinitx nghatat lill-kumpanija jew lili. Wara dan l-ezercizzju ghamilt ezercizzju iehor jiena. Meta ghidt ser naqbad certu stock items li nxtraw u nipprova nittrejsjahom jew lejn stock jew inbieghu ghax dawn l-affarijiet darba li nxtraw jew inbieghu jew ghadhom stock. Kien hemm hafna diskrepanzi".*

Fuq kontroezami min-naha tad-difiza rrizulta illi x-xhud kienet taf illi l-imputat u Sammut kienu gibdu xi flus mill-kont tas-socjeta' PC Zone u haduhom personalment. Hija tghid ukoll illi d-diskrepanzi li kienet sabet wara li l-imputat kien ghamel dak l-ezercizzju fuq is-*software* kien ta' tmient elef Liri Maltin (Lm8,000).

Semghet ukoll ix-xhud **Patrick Camilleri** li kien impjegat tal-hanut fil-Hamrun li kien jiggestixxi l-imputat u li jghid illi qatt ma kien issuspetta xejn mill-imputat fil-perjodu li kien jahdem hemmhekk. Huwa kien is-*salesman* tal-hanut u jghid illi huma qatt ma kienu jiehdu *Z readings* fl-ahhar tal-gurnata jew jaghmel xi *reading* ta' bejgh li jkun sar dak il-jum. Huwa jghid illi kien jahdem nofs gurnata; kien jaghlaq il-*cash register* u jitlaq, imbaghad kien jiftah il-hanut xi haddiehor.

Xehed ukoll ghad-diziza **Christian Camilleri** li kien jahdem fil-hanut tal-Hamrun bhala *computer technician* u fejn qal illi l-kontanti wara li taghlaq il-gurnata kien dejjem johodhom l-imputat u gieli anke kien ikun hemm Marvin Sammut.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel akkuza li biha huwa adddebitat l-imputat huwa dak tar-reat ta' frodi kontemplat bl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment:

> *"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor . . . .".*

Illi l-gurisprudenza nostrana dejjem kienet illi sabiex tissussisti r-reat ta' truffa mhix bizzejjed is-semplici gidba, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba.

Fil-fatt, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **<u>Pulizija v. George Manicolo (deciza 31 ta' Lulju 1998 Onor P. Vella)</u>** intqal hekk:

*"Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajjmu sentiment kif hemm indikati fl-Artikolu 308 hawn fuq citat. Irid ikun hemm il-messa in xena, u ghalhekk, kif intqal, il-gideb wahedhom mhumiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza ta' xi haga msemmija mill-frodatur, liema haga, in realta', ma tezistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu ikun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-*

*artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, izda dan il-kliem ghandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma dan it-tip ta' kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, cjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur.*

*Din il-messa in xena hi maghmula minn dawn l-artifizji jew raggiri idonei li jinducu u fil-fatt ikunu inducew lill-vittma fi zball u li bhala rizultat ta' dan l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligh ghall-agent frodatur."*

Illi f'sentenza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs. Charles Zarb</u> moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar elf disgha mija u tlieta u disghin (1993), il-Qorti tal-Appelli Kriminali ghamlet espozizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat fejn qalet:

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. [...] Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi [...]. Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin. Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd. Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel. Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u*

*jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min: (a) b'mezzi kontra l-ligi, jew (b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew (c) ta' kwalifiki foloz jew (d) billi jinqeda b'qerq iehor u (e) ingann jew 11 (f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, (g) jew ta' hila; (h) setgha fuq haddiehor jew (i) ta' krediti immaginarji jew (j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor. [...H] u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. [...] Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat." Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 - Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una*

*asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede".*"

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** ikkwotata hawn fuq, il-Qorti tal-Appelli Kriminali ccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

*"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif*

*tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".*

L-istess Imhallef Flores ikompli jghid li:

*"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi ghalhekk huwa car u ovvju li r-reat ta' truffa qatt ma tista tigi ppruvata ghaliex fl-ebda punt tal-proceduri ma gie ppruvat li l-imputat gideb jew ghamel xi raggieri f'xi punt tar-relazzjoni

bejnu u Marvin Sammut fit-twaqqif tas-socjeta' PC Zone jew fil-gestjoni tal-hanut fil-Hamrun fejn it-tnejn kienu diretturi. Ma giex ukoll ippruvat illi l-kwerelant Marvin Sammut kien b'xi mod mhux a konoxxjenza ta' xi manuvri li l-imputat allegatament kien qed jaghmel, anzi bil-kontra.

Illi ghar-reat ta' approprjazzjoni indebita msemmi fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali qed jigi kkwotat l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> ***"Kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jehel, meta jinstab hati, il-piena tkun ta' prigunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa".***

Skont gurisprudenza kostanti w anke awturi tal-ligi, l-elementi ta' dan ir-reat ta' approrazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita', li l-

konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lill-agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'*animo di spostarsi del posesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux ir-reat tal-approprazzjoni indebita, imma tas-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx ukoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju, cioe' tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita;

3.Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga, cioe' japproprja ruhu minnha jew ibieghha jew ddistruggiha *a proprio comodo o vantaggio*;

5. Irid ikun hemm ukoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor u finalment xi awturi jsostnu wkoll li jrid ikun hemm id-dannu patrimonjali kawzat lill-proprjetarju li fil-konfront tieghu tkun saret l-approprazzjoni ndebita.

Fuq dan il-punt din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Marzu, elf disgha mija u tlieta u disghin (1993) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ali Abdulla Bakush** fejn dik il-Qorti ddecidiet li ma tespandix fuq dan l-ahhar element ghaliex hemm teoriji li appena s-suggett attiv tar-reat idawwar bi profitt ghalih l-oggett, dan minnu nnifsu jkun jikkostitwixxi dannu patrimonjali. Hu x'hinu pero', jidher car li l-kuncett kollu tal-approprazzjoni ndebita huwa koncepit mhux biss fuq l-abbuz ta' fiducja imma fuq il-fatt li persuna taghmel uzu bi profitt ghaliha minn oggett li jappartjeni lil haddiheor, liema haddiehor ikun fada dak l-oggett f'idejn is-suggett passiv f'wiehed mic-cirkostanzi li jikkontempla l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, b'approprazzjoni indebita wiehed jifhem li dik il-vjolazzjoni ta' dawn il-kuntratti li bbazati kif inhuma fuq il-fidjucja, jissejjah kuntratt fiducjarju u essenzjalment jikkonsisti fil-bidla tal-haga fdata ghal skop determinat.

Carrara fil-ktieb tieghu Diritto Penale (vol 4. para 284) li wkoll jissejjah dan ir-reat truffa b'mod l-aktar sintetiku, jiddefinixxi dan ir-reat bhala:

> *" la dolosa approprazione di una cosa altrui che si e' ricevuto del propretario per una convenzione non translattiva di domino e da uzo determinato."*

Essenzjalment ghalhekk l-approprazzjoni indebita ma hi xejn hlief; skont il-kliem tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Mifsud (dec 2.12.1992); abbuz ta' fiducja li permezz tieghu wiehed jirrendi bi profitt ghalih haga li tkun giet konsenjata lilu jew fdata f'idejh b'att liberu u spontanju.

B'dan il-Qorti riedet tfisser li jrid ikun hemm konverzjoni tal-oggett fdat lilu u hemm din il-konverzjoni meta l-akkuzat ikun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat u minflok li jikkommettiha ghall-beneficcju tieghu stess jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati *in buona fede*.

Fil-fatt, Luigi Maino fil-ktieb tieghu Commento al Codice Penale Italiano Vol. V pg. 347 jghid li:

> *"L'appropražione indebita si consuma col disporre delle cose contro la legge del patto stipulato a buona fede."*

Illi frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif bl-aktar tigbida tal-immaginazzjoni tista' tiffigura dan ir-reat ghaliex l-ebda wiehed mill-principji elenkati hawn fuq ma jinkwadra mal-fatti esposti f'dawn il-proceduri.

Illi dak li hareg hu li skont Gisele Bennie kien hemm xi diskrepanzi fl-akkonti ta' PC Zone izda din qatt ma spjegat kif waslet ghal dawn id-diskrepanzi. L-anqas ma gie nominat espert fil-konteggi biex forsi jghin il-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni jekk vera hemmx zbilanc fil-kontijiet, u fejn jekk iva, marru dawn il-flejjes. L-anqas ma gie ppruvat mill-prosekuzzjoni liema huma dawk il-flejjes li hemm dubju minnhom fil-kontijiet bankarji ta' PC Zone u l-anqas ma gew ipprezentati l-kontijiet bankarji tal-imputat biex forsi jidher jekk kienx hemm xi versamenti suspetti f'dawn il-kontijiet.

Illi dak li rrizultalha din il-Qorti anke minghajr l-ghajnuna ta' espert awditur, li s-sitema ta' konteggi li kienu juzaw sija l-imputat flimkien mas-sieheb tieghu fin-negozju Marvin Sammut kienet wahda rudimentali hafna u minghajr sistema ta' *checks and balances* adegwata.

Ugwalment japplika ghall-akkuza l-ohra u cioe' dik taht l-Artikolu 121B u 121D tal-Kodici Kriminali.

Illi dan kollu qed jinghad ghaliex il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mil-ligi u mhux b'semplici suppozizzjonijiet. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Alfred Attard</u>** (Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Guikatura Kriminali, deciza 28.02.2005) intqal dan:

> *"Qabel ma din il-Qorti ser tiddiskuti l-fatti specie tal-kawza odjerna, thoss li ghandha tfakkar lil Prosekuzzjoni, li l-grad ta' prova li ghandha tilhaq hu dak li ma jhalli ebda ombra dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra, ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem*

*iehor dak li gudikant irid jasal ghalih huwa li, wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni".*

Kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Farrugia** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta (3) ta' Marzu tas-sena elfejn (2000):

*"Hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant."*

Illi pero' huwa importanti wkoll li jigi enfasizzat f'dan l-istadju dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, elf disgha mija u tmienja u disghin (1998) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader** fejn saret referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen** [1952] AC 480, 489 fejn intqal:

> *"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghal dawn il-motivi l-ebda wahda mill-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat **Derek Lee D'amato** ma gew ippruvati u ghalhekk din il-Qorti qed tilliberah minnhom kollha.

______________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**